# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU 1546

Kaz Nru. 1812

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Gafa

u

Sea Malta Company Ltd

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum il-Gimgha 8 ta' Ottubru 2004

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

**Membri: Is-Sur Maurice Agius**

**Is-Sur Michael J. Mallia**

## 1. Introduzzjoni

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fl-10 ta' Ottubru 2003 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

L-Appellant is-Sur Joseph Gafa kien assistit mill-Avukat Marvic DeBarro LL.D. u mis-Sur Emmanuel Zammit, Segretarju Taqsima Marittima u Avjazzjoni tal-General Workers' Union.

Is-Sea Malta Company Limited, il-kumpanija intimata kienet rapprezentata mis-Sur Joseph Bugeja, General Manager assistit mill-Avv John Refalo.

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

## 2. Xhieda.

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:

Victor Dalmas, *Security Manager*;
Paul Zammit, Security Guard tal-Malta Drydocks;
Mark Chapelle, Kaptan;
Ronald Vella, Kaptan;
Joseph Briffa, *Assistant General Manager* fil-*Ship Management*;
Joseph Bugeja, *General Manager*;
Joseph Gafa, l-Appellant;
Emmanuel Micallef, Deputat Segretarju General tal-General Workers' Union;

## 3. Dokumenti.

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

## 4. L-Istorja

L-Appellant Joseph Gafa kien gie impjegat mas-socjeta Sea Malta fit-28 ta' Gunju 1999 bhala *Steward AB* u gie ssensjat fl-14 ta' Lulju 2003. Kellu salarju ta' Lm673.97 fix-xahar. Gafa safa mkecci fuq akkuza li nstabu fil-pussess tieghu xi oggetti tas-socjeta meta kien hiereg minn Bormla Gate fil-Malta Drydocks.

Gafa ammetta l-akkuza u skuza ruhu. Ghamel *statement* bil-miktub kif kien mitlub u wara gie infurmat li l-impieg tieghu gie tterminat.

**5. Kunsiderazzjonijiet**

Ma hemmx dubbju li l-Appellant ha hwejjeg, ghalkemm ta' valur zghir, li kienu jappartienu lis-socjeta.

Is-socjeta irreteniet li peress li l-kaz ta' Gafa kien wiehed m'hux kontestat ta' serq, is-socjeta kellha d-dritt skond il-procedura tad-dixxiplina li tittermina l-impieg tieghu u sostniet li f'cirkostanzi ta' din ix-xorta ma kelliex ghalfejn tressaq lil Gafa quddiem board tad-dixxiplina u per se tterminatlu l-impieg.

Irreteniet li l-kaz ta' l-Appellant kien wiehed li ma kienx jinvolvi lill-Kaptan tal-*M/V Maltese Falcon*, ghax l-allegat serq sar waqt li l-bastiment kien qieghed jghamel *refit* fit-Tarzna. Id-difiza ta' l-Appellant kienet ibbazata primarjament fuq il-bazi li l-kaz tieghu ma kienx riferit lill-Bord tad-dixxiplina u ghalhekk l-Appellant ma nghatax id-dritt li jiddefendi ruhu u jtella' lil xi hadd f'dan il-kaz mill-Union li taghha kien membru, il-General Workers' Union biex tiddefendieh. Mix-xhieda li nstemghu, it-Tribunal jinnota li dik tas-Sur Emmanuel MIcallef, Deputat Segretarju General tal-General Workers' Union ma gietx kontesta, ossija li meta dahal fil-kaz tas-Sur Gafa rretena li kellu jigi applikat il-kodici tad-dixxiplina jigifieri li Gafa, l-Appellant kellu jidher quddiem bord tad-dixxiplina. Is-socjeta Sea Malta rrispondiet li per prattika u konswetudni f'kazi simili fejn l-offiza kienet inkontestabbli, s-socjeta kienet tiddeciedi minghajr il-htiega li tirreferi l-kaz lill-bord ta' dixxiplina appuntat ghal dan il-ghan. Kien ghalhekk propriju fuq din il-bazi li s-Seamalta ddeciediet li l-kaz tas-Sur Gafa kien wiehed car u l-*management* iddecieda li jittermina l-impieg tas-Sur Gafa.

It-Tribunal Industrijali huwa sodisfatt li Gafa kien hati ta' misapproprijazzjoni ta' oggett ghalkemm ta' valur zghir, propjeta tas-Sea Malta.

Izda ma hux sodisfatt bl-applikazzjoni tad-dixxiplina ghabbazi li fejn il-kaz ta' ksur ta' dixxiplina jkun ikkontestat bhal fejn isir allegat serq, is-socjeta tiddeciedi li ma tinvokax u tapplika l-procedura ghar-rigward li tirreferi l-kaz lill-bord tad-dixxiplina u per konsegwenza tkun qeghda tinnega lill-prezunt hati d-dritt li jiddefendi lilu nnifsu irrespettivament kemm il-kaz ikun wiehed car. In fondo ghagir bhal dan fil-fehma umli tat-Tribunal Industrijali ifisser negazjoni tad-dritt fundamentali tal-bniedem u dan japplika minghajr ebda rizerva meta l-allegat ksur tad-dixxiplina jkun jidher inkontestabbli.

Hija fil-fehma meqjusa tat-Tribunal li l-interpretazzjoni tas-socjeta tal-paragrafu 35.1.1 ta' l-Artiklu 35 tal-Ftehim Kollettiv bejn is-Sea Malta Company Ltd u t-taqsima tal-Port u Trasport tal-General Workers' Union li ghadu invigore hija zbaljata, anke jekk dal-paragrafu jigifieri 35.1.1 jghati d-dritt lill-akkuzat li jappella lic-Chairman tal-Bord tad-Diretturi u ma jidhirx li jghamel sens ma' l-ispirtu tas-sub-paragrafu 35.1.15 u 35.1.16.

Tutto sommato, it-Tribunal Industrijali jsib li waqt li s-socjeta tidher fil-klawsoli tal-Procedura Dixxiplinarja li taqbel li tghati lill-prezunt hati d-dritt ghal-"fair hearing", fl-istess waqt tifhem li fejn il-kaz jidher manifestament car, ghandha d-dritt li tiddeciedi l-kaz u l-kastig.

Fic-cirkostanzi bhal dawn it-Tribunal Industrijali waqt li jifhem il-fermezza tas-socjeta fl-istess waqt ma jistax jaqbel li s-socjeta ghandha d-dritt li tiddeciedi li hija tezercita l-kariga ta' *Judge & Jury*. Konsegwentement meta tghamel hekk tkun qeghda tirrendi d-decizjoni "unfair".

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-*Istatements of case* tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotta, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali jsib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq li l-applikazzjoni tal-procedura tad-dixxiplina mis-socjeta Sea Malta Company Ltd fil-konfront ta' l-Appellant Joseph Gafa kienet errata.

Dan ma jfissirx li l-Appellant kien fis-sewwa meta kkommetta l-espproprijazzjoni ta' oggetti tas-socjeta, anke jekk dawn kienu ta' valur zghir.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-Appellant Joseph Gafa ghandu jirritorna ghax-xoghol mas-Sea Malta Company Ltd fil-grad li kellu u jidher bhal "suspended" mix-xoghol bla hlas ghall-perjodu bejn l-14 ta' Lulju 2003 sad-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' doveri li jithallsu it-Tribunal qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' Ebghin Liri (Lm40) Maltin lill-persuni li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

------------------------------
Carmel Debono
Chairman

------------------------------
Maurice Agius
Membru

------------------------------
Michael J. Mallia
Membru

Kaz Nru 1812
Dec Nru 1546